MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 1861/1995/1

**Noel u Carlotta konjugi Mallia**

**v.**

**Alphonse u Maria konjugi Anastasi**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Sar appell ad istanza tal-konvenuti Alphonse u Maria, konjugi Anastasi, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla

tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie deciz hekk,

"Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tad-9 ta' Novembru 1995 li bih l-atturi ppremettew:-

Illi l-partijiet iffurmaw socjeta` bl-isem Digital Retail Systems Limited sabiex jibdew jimportaw magni specjalizzati tal-fotografija, u li fiha kellhom sehem f'ishma indaqs il-konvenut u s-socjeta` Rockfile Investments Limited li taghha kellu sehem kemm l-attur u huh Paul Mallia, u kopja ta' l-istatut taz-zewg socjetajiet gew annessi mac-citazzjoni bhala Doks A u B rispettivament;

Illi s-socjeta` Digital Retail Systems Limited ottjeniet facilitajiet bankarji minghand il-Mid-Med Bank Limited, liema facilitajiet kienu koperti b'garanzija personali li inghatat mill-partijiet *in solidum*, u kopja ta' l-istess garanzija giet annessa mac-citazzjoni bhala dok C;

Illi originarjament, il-partijiet kienu ftehmu li jaghtu garanzija ghal dawn il-facilitajiet bankarji permezz ta' ipoteka immobiljari, izda billi wara irrizulta li l-propjeta` immobiljari tal-konvenut kienet gia` ipotekata, l-attur kellu jaghmel rahan favur il-bank sabiex jiggarantixxi dan id-dejn u kopja tal-ftehim ta' rahan giet annessa mac-citazzjoni bhala Dok D;
Illi s-socjeta` Digital Retail Systems Limited giet likwidata u l-Mid-Med Bank sejjah lill-attur sabiex, in forza tal-garanzija fuq imsemmija jhallas is-somma ta' hmistax-il elf mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm15,227.78), rapprezentanti d-dejn dovut minn Digital Retail Systems Limited u l-attur hallas is-somma mitluba fis-7 ta' Awissu 1995, u kopja tar-rapport mahrug mill-istralcarju u ta' l-ittra mibghuta mill-Bank gew annessi mac-citazzjoni bhala Doks E u F rispettivament;

Illi b'hekk l-attur gie surrogat fid-drittijiet tal-Mid-Med Bank Limited skond il-ligi;

Talbu ghalhekk l-atturi li din l-Onorabbli Qorti:-

1 Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebat elef sitt mija u tlettax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm7,613.89) rapprezentanti nofs id-dejn tas-socjeta` Digital Retail Systems Limited, imhallsa mill-attur in forza ta' garanzija personali li ta lill-Mid-Med Bank *in solidum* ma' l-istess konvenut;

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-hlas ta' l-imsemmi dejn sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti minnhom esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tas-7 ta' Mejju 1996 fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien hemm assi bizzejjed fil-kumpanija Digital Retail Systems Limited biex taghmel tajjeb ghad-debiti li kellha mal-bank u kwindi messu l-ewwel gie sodisfatt dan id-debitu;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenuta Maria Anastasi qatt ma kienet a konoxxenza ta' dawn id-debiti u qatt ma kkonsentiet ghalihom u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti, u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta` Rockfile Investments Limited u l-konvenut Alphonse Anastasi kellhom ishma ndaqs fis-socjeta` Digital Retail Systems Limited u dan skond ma jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association ta’ l-istess socjeta` (fol 5 et seq). Id-diretturi tas-socjeta` Digital Retail Systems Limited kienu Noel Mallia u Alphonse Anastasi. Is-socjeta` Rockfile Investments Limited, kif jispjega l-attur fl-affidavit tieghu, kienet kumpanija ffurmata bejnu u bejn huh Paul Mallia u li taghha l-istess Noel Mallia kien direttur;

Illi jirrizulta li s-socjeta` Digital Retail Systems Limited inghatat facilitajiet bankarji minghand il-Mid-Med Bank Limited. Anthony Azzopardi, li f’dak iz-zmien kien manager tal-branch ta’ San Giljan tal-Mid-Med Bank, xehed li l-bank kien akkorda loan ta’ Lm30,000 u overdraft ta’ Lml0,000 lis-socjeta` Digital Retail Systems Limited “u *ghal dawn il-facilitajiet tlabna li jaghmlu tajjeb ghal dan id-dejn bil-propjeta` tad-diretturi u shareholders personalment cioe` Noel Mallia u Alphonse Anastasi.”* Kontro-ezaminat l-istess Azzopardi gharaf il-firma tieghu fuq il-garanzija datata 5 ta’ Frar 1992 (Dok C, fol 21 - 22). Huwa spjega li kien iffirma mhux biss bhala manager izda ukoll bhala xhud, u spjega li dan ifisser *“... li jiena nkun spjegajt lil min ikun qed jiffirma dan id-dokument l-onerous clauses ta’ dan id-dokument.”* Xehed li huwa jaghmilha cara lill-klijent x’inhuma l-implikazzjonijiet tal-kliem “*joint and several liability*” peress li hafna jifhmuha hazin;

Illi Azzopardi spjega li meta l-kumpanija ma baqghetx topera u kienet in likwidazzjoni, il-Bank kiteb lill-likwidatur “*… izda dan infurmana illi ma kienx hemm minn fejn nithallsu u ghalhekk ahna konna kostretti illi naqghu fuq il-garanti.”* Ix-xhud spjega li l-Bank allura ghamel “*call in*” kif jidher mill-ittra li huwa baghat lil Noel Mallia (fol 33) fejn huwa talbu jhallas l-ammont ta’ Lm15,227.78 *“in respect of your liability under the guarantee dated 5th February 1992.”*

Illi l-attur Noel Mallia ghamel tajjeb ghal dan id-dejn kif fil-fatt jirrizulta mill-ittra mibghuta lilu mill-Bank fis-7 ta' Awissu 1995 (Dok NM9, fol 64) kif ukoll mid-dokumenti a fol 65. Azzopardi ikkonferma li l-konvenut Anastasi ma hallas xejn mill-garanzija;

Illi l-attur Noel Mallia ghalhekk intavola din il-kawza sabiex il-konvenut ihallsu nofs l-ammont li huma t-tnejn iggarantew personalment;

Illi l-konvenut da parti tieghu ma jidhirlux li huwa ghandu jhallas dan l-ammont ghax huwa allegatament qatt ma kellu x'jaqsam mal-finanzjament tan-negozju. Qal li kien hemm ftehim car mill-bidu li huwa qatt ma kellu jikkontribwixxi xi flus ghan-negozju; kellu biss jipprovdi n-"*know-how*" tieghu, u jittrasferixxi fid-ditta l-gdida l-funzjonijiet tad-ditta Anastasi Trading Company Limited, inkluz il-klijenti taghha, id-ditti u agenziji esteri rapprezentati minnha, ir-rapprezentanza u l-esklussivita` tad-ditta Franciza Kis Photo Industrie, u kellu l-obbligu li d-ditta Anastasi Trading Co Limited ma tibqax topera fil-kamp tal-fotografija. Di piu` jghid li huwa halla l-assi tieghu fil-kumpanija ghad-disposijzzjoni ta' l-attur u jinsabu fil-propjeta` tieghu. Jghid li s-sehem tieghu jizboq sew is-somma li l-attur qed jippretendi li ghandu jiehu min ghandu;

Illi kontro-ezaminat, l-istess konvenut qal li huwa ffirma l-garanzija
ghax l-attur kien qallu li biex jiehdu *overdraft facility* kien hemm bzonn li jsir hekk. Zied jghid li kellu fiducja ghamja fih. Mistoqsi jekk il-facilitajiet bankarji kienx se jehodhom l-attur jew is-socjeta` Digital Retail Systems Limited li taghha l-istess konvenut kien 50% shareholder, huwa ikkonferma li kien jaf li l-facilitajiet kienu intizi ghas-socjeta`. Huwa ikkonferma wkoll li meta ffirma l-garanzija huwa kien f'sensieh u kien jaf x'qed jaghmel;

Illi l-Qorti tirrileva li rrispettivament ta' x'kien il-ftehim bejn Mallia u Anastasi dwar in-negozju ta' bejniethom ma tistax tinjora l-iskrittura ta' garanzija personali li giet iffirmata minnhom. B'din l-iskrittura huma intrabtu *in solidum* li

jiggarantixxu personalment il-kreditu koncess lis-socjeta` taghhom mill-Bank. Dwar id-decizjoni tal-Prim'Awla fl-ismijiel Noel Mallia noe vs Alphonse Anastasi et, Citazzjoni Numru 1198/94GV. (konfermata fl-Appell) fejn giet michuda t-talba ta' l-attur *nomine* biex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu Lm5000 bhala sehem Alphonse Anastasi fil-kapital tas-socjeta` in kwistjoni, il-Qorti ma tarax li din hija rilevanti ghall-kaz in kwistjoni. Il-garanzija hija obbligazzjoni fiha nfisha. Bil-firma tieghu fuq l-iskrittura ta' garanzija, il-konvenut intrabat flimkien ma' Mallia li jaghmel tajjeb ghall-facilitajiet bankarji moghtija lis-socjeta` Digital Retail Systems Limited, kien x'kien il-ftehim bejnu u bejn Mallia dwar finanzjament tas-socjeta`;

Illi artikolu 1107 tal-Kodici Civili jistipula li l-kondebitur li jhallas *id-dejn in solidum* kollu jista' jitlob minghand l-ohrajn is-sehem ta' kull wiehed minnhom bl-imghax minn dak in-nhar tal-hlas. Ghalhekk Noel Mallia ghandu d-dritt li a tenur ta' l-iskrittura ta' garanzija jitlob lill-konvenut is-sehem tieghu, u cioe` 50% tad-dejn li hallas hu, u cioe` nofs il-Lm15,227.78;

L-eccezzjonijiet:-

Illi l-konvenut eccepixxa fl-ewwel lok li kien hemm bizzejjed assi fis-socjeta` biex jaghmlu tajjeb ghad-debiti li kellha l-istess socjeta` mal-bank, u kwindi messu gie sodisfatt dan id-debitu. Il-Qorti pero` ma thossx li din ghandha xi rilevanza ghall-kaz odjern peress li l-azzjoni hija bazata fuq l-iskrittura ta' garanzija u l-obbligazzjonijiet naxxenti minnha. Di piu`, kontro-ezaminat, il-konvenut qal li waqt li l-kumpanija kienet in likwidazzjoni huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-bejgh ta' l-assi u lanqas ma ghamel kuntatt mal-likwidatur. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni mhix fondata;

Illi fit-tieni eccezzjoni gie eccepit li Maria Anastasi qatt ma kienet a konoxxenza tad-debiti u qatt ma kkonsentiet ghalihom u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti tosserva li l-iskrittura tal-garanzija saret fl-1992 meta ir-ragel kien amministratur tal-

komunjoni ta’ l-akkwisti skond artikolu 1317 tal-Kodici Civili li baqa’ in vigore sakemm gie effettiv l-Att XXI ta’ l-1993 bl-Avviz Legali 127 ta’ l-1993 u konsegwentement seta’ jiffirma minghajr il-kunsens tal-mara. Di piu` din il-kawza odjerna giet intavolata f’Novembru ta’ l-1995, u cioe` wara li d-disposizzjonijiet ta’ l-Att XXI (1993) gew in vigore. Ghalhekk a tenur ta’ l-artikolu 1322(2) il-jedd li jitwettqu l-atti ta’ amministrazzjoni straordinarja u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jmissu liz-zewg mizzewgin flimkien. Il-Qorti tirreferi ghall-Artikolu 1322(3) li jelenka x’inhuma atti ta’ amministrazzjoni straordinarji. Artikolu 1322(3)(h) isemmi propju “*il-kuntratt ghal xi garanzija*”. Ghalhekk il-konvenuta Maria Anastasi giet korrettement imharrka fil-kawza odjerna;

Illi jrid jigi rilevat li ghalkemm il-konvenut kellu jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet fir-rigward baqa’ ma ghamilx dan ghalkemm il-kawza thalliet bosta drabi ghal dan il-fini.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati;

Tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ sebat elef sitt mija u tlettax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm7,613.89);

L-ispejjez u l-imghax kif mitluba fic-citazzjoni ghandhom jithallsu mill-konvenuti.”

**L-APPELL TAL-KONVENUTI KONJUGI ANASTASI**

2.1 L-appell interpost milll-konvenuti huwa msejjes fuq zewg aggravji, jigifieri (i) li Maria Anastasi, mart il-konvenut, kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u qatt ma messha giet ikkundannata biex taghmel tajjeb ghad-dejn ta’ zewgha a bazi tal-garanzija. Isostnu li anke kif kienet il-ligi civili qabel l-1993, il-firma tal-mara kienet mehtiega anke f’kuntratt ta’ garanzija u li l-prassi bankarja

kienet dik li jitolbu l-firma tal-mara biex hi ukoll tidhol ko-responsabbli ghad-dejn.

2.2 Fit-tienii lok, skond l-appellanti, (ii) ma kienx hemm ragunijiet biex jiggustifikaw l-azzjoni ta' l-atturi billi Noel Mallia kellu f'idejh assi tal-kumpannija li bil-bejgh taghhom seta' jigi sodisfatt il-kreditu reklamat minghand il-kumpanija. Fil-fatt ma kien sar l-ebda tentattiv biex jimbieghu fl-ewwel lok dawn l-assi. Fl-ewwel lok messhom gew ezaminati l-assi tad-debitur principali.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

3. Din Il-Qorti ezaminat dawn l-aggravji kif ukoll ir-risposta moghtija ghal dawn l-aggravji mill-kontroparti appellata u sejra tiddelibera dwar dawn iz-zewg aggravji separatament.

**<u>DWAR L-EWWEL AGGRAVJU TA' L-APPELLANTI</u>**

4. Fl-ewwel aggravju, l-appellanti qeghdin jissottomettu li fil-kaz ta' kuntratt ta' garanzija l-firma tal-mara kienet mehtiega anke qabel l-1993 u li l-Banek kienu jitolbu l-addezjoni tal-mara. Ghalhekk il-mara kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u ma setax ikun hemm kundanna tal-konvenuti ghall-hlas.

5. Mill-provi jirrizulta li l-garanzija bankarja giet ffirmata mill-appellant Alphonse Anastasi u minn Noel Mallia fil-5 ta' Frar 1992 (a fol.22 tergo) u kwindi huwa veru li mart l-appellant ma ffirmathiex. Jinghad izda, illi qabel l-emendi li saru bl-Att XXI ta' l-1993, il-ligi taghna kienet tafda l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti f'idejn ir-ragel u dan ai termini ta' l-Artikolu 1318 tal-Kap 16, liema Artikolu baqa' <u>in</u> <u>vigore</u> sakemm imbaghad gie sostitwit.

L-Artikolu 1318 kien fil-fatt jipprovdi li l-amministrazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti kienet fdata f'idejn ir-ragel bil-limitazzjoni pero` li,
"dan ma jistax jittrasferixxi jew jipoteka dawk l-akkwisti minghajr il-kunsens tal-mara hlief b'titolu oneruz jew biex iwettaq l-obbligazzjonijiet li ghandu skond il-ligi."

6. Illi kif kienet il-ligi kienet issemmi biss id-donazzjoni u l-ipoteka ta' proprjeta` u r-ragel seta' jaghti garanzija personali minghajr il-firma ta' martu.

Din il-Qorti taghmel hawn referenza ghad-decizjoni tal-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet Dr. Reno Borg noe et vs Joseph Borg et deciza 3/10/2002, fejn gie ritenut,
"Illi (ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni), il-garanzija in kwistjoni giet iffirmata fl-1987, filwaqt li r-rekwisit li garanzija bankarja biex torbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti, trid tigi ffirmata kemm mir-ragel kif ukoll minn martu giet introdotta fl-1 ta' Dicembru, 1993, minghajr effett retroattiv, b'ligi (Att XXI ta' l-1993) li radikalment biddlet is-sistema ta' amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li, bis-sahha ta' dik il-ligi, giet fdata lill-koppja mizzewga flimkien. Qabel din il-ligi, ir-ragel kien jamministra l-komunjoni ta' l-akkwisti wahdu in omagg tal-principju li maritus vivit ut dominus, moritur ut socius u li uxor non est socia sed speratur fare. Il-kontroll tar-ragel fuq il-komunjoni kien assolut, tant li gieli kien jissejjah "kap u padrun" tal-komunjoni. Il-proprjeta` parafernali tar-ragel u l-proprjeta` tal-komunjoni kienu konfuzi flimkien, tant li r-ragel, ghal tul il-hajja tal-komunjoni kien jitqies bhala proprjetarju ta' l-oggetti formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti (ara, per ezempju, id-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza Debono vs Mercieca riportata fil-Volum XXXIV.II.503).

Bl-Att numru XLVI ta' l-1973, kienet saret emenda li kienet iddghajjef ftit il-poter tar-ragel; dan baqa' amministratur komplet u wahdu tal-komunjoni, izda ma setghax aktar jaghti donazzjonijiet minghajr il-kunsens ta' martu. L-ghoti ta' garanzija personali da parti tar-ragel ma gietx, pero` milquta b'dik l-emenda. Dik l-emenda kienet tkopri trasferimenti u l-ghoti ta' ipoteka b'mod gratuwitu mhux l-ghoti ta' garanzija personali, li setghet allura, tinghata mir-ragel wahdu kemm b'titolu gratuwitu kif ukoll b'titolu oneruz ara Mamo noe vs Abela noe et deciza mill-Onorobbli Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Marzu 1990. Sentenza fl-istess sens hija decizjoni ohra moghtija mill-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza Borg vs Borg et deciza fl-14 ta' Gunju 1994, fejn inghad li garanzija

personali ffirmata mir-ragel biss kienet valida u torbot il-komunjoni u ma kienx mehtieg il-firma tal-mara ghall-validita` taghha.”

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet APS Bank Ltd vs Colcam International Marketing Associates Limited et (deciza 6/2/2003) fejn dik il-Qorti elaborat fuq l-artikoli tal-ligi li jittrattaw dwar l-amministrazzjoni tal-komunjoni u rriferiet ghad-decizjoni BOV plc vs Joseph Formosa et (deciza 2/6/1999 PA) fejn gie ritenut hekk:
“Illi dawn l-artikoli gew introdotti fil-ligi taghna permezz ta’ Att XXI ta’ l-1993. Illi l-ewwel artikolu ta’ dan l-istess jaqra –

‘1 (I) Dan l-Att jista’ jissejjah l-Att ta’ l-1993 li jemenda l-Kodici Civili (Emenda numru 2) u ghandu jinqara u jiftiehem haga wahda mal-Kodici Civili hawnhekk izjed ’il quddiem imsejjah il-Kodici.’

‘Illi pero` dawn l-Artikoli – gew in vigore fl-1 ta’ Dicembru 1993 permezz ta’ l-Avviz Legali Numru 127 ta’ l-1993.’

Illi allura meta giet iffirmata l-garanzija solidali fir-rigward tal-facilita` mertu tal-kawza odjerna fit-18 ta’ Mejju 1993 dawn l-Artikoli ma kienux in vigore u ghalhekk kienet il-ligi precedenti li kienet ghadha vigenti cioe` li r-ragel kien amministratur tal-Komunjoni ta’ l-Akkwisti, u, konsegwentement seta’ jiffirma minghajr il-kunsens tal-mara. Illi ghalhekk id-dejn imsemmi jaqa’ fil-Komunjoni ta’ l-Akkwisti, aktar u aktar meta l-amministrazzjoni ta’ l-akkwisti kienet f’idejn ir-ragel skond l-Artikolu 1317 tal-Kap. 17 li baqghet in vigore sakemm gie effettiv l-Att XXI ta’ l-1993 bl-avviz legali 127 ta’ l-1993. Din hija msahha bid-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 89 ta’ l-istess Att XXI ta’ l-1993, li tiddisponi li kull obbligazzjoni li saret legitimament f’isem il-komunjoni qabel il-bidu fis-sehh ta’ dan l-Att ma hijiex milquta bid-disposizzjonijiet ta’ l-Att XXI ta’ l-1993.”

7. Mis-suespost ghalhekk isegwi l-garanzija ffirmata mill-appellant Alphonse Anastasi kienet valida u torbot lill-konjugi. Inoltre, l-ewwel Qorti kellha ragun in kwantu

rriteniet li l-konjugi Anastasi gew imharrkin korrettement. Dan ghaliex bl-introduzzjoni ta' l-Att XXI ta' l-1993 il-kuntratt ta' garanzija gie kkunsidrat bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja (Art. 1322(3)(h)) li jehtieg il-kunsens taz-zewg partijiet mizzewgin u ghalhekk japplika is-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu li jipprovdi li –
"Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien."

Jigi rilevat li l-kawza giet pprezentata fid-9 ta' Novembru 1995, u allura wara li dahlu in vigore l-emendi li saru ghall-Kodici Civili.

**DWAR IT-TIENI AGGRAVJU TA' L-APPELLANTI**

8. It-tieni aggravju ta' l-appellanti huwa li kienu jezistu assi sufficjenti tal-kumpanija biex jigi sodisfatt il-kreditu, liema assi kienu fil-pussess ta' l-appellat. Ighidu li meta qajjem din l-eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti huma kienu qed jitolbu li jigu ezaminati l-fatti u l-assi tad-debitur principali li obbligat li jhallas.

L-Artikolu 1925 tal-Kodici Civili jiddefinixxi l-garanzija bhala dak il-kuntratt li bih wiehed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjonijiet ta' haddiehor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu. Illi l-iskop ta' dan l-artikolu hu li jigi garantit id-dejn ta' terza persuna. L-Artikolu 1934 ikompli jipprovdi li l-garanti huwa obbligat biss li jhallas meta d-debitur principali jonqos li jhallas, pero` qabel xejn ghandu jigi eskuss id-debitur principali fil-proprjeta` tieghu.

Irrizulta mill-provi li l-garanzija moghtija minn Noel Mallia u Alphonse Anastasi kienet wahda solidali (Dok C a fol. 21). Japplika mela l-Artikolu 1094 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi, "L-obbligazzjoni hija in solidum ghad-debituri meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur."

L-effett ta’ din l-obbligazzjoni solidali, skond l-Artikolu 1096 tal-Kap. 16, huwa li l-kreditur jista’ jdur kontra kwalunkwe wiehed mid-debituri in solidum u dan ma jistax jopponi l-qsim ta’ l-obbligazzjoni.

9. L-artikoli li jittrattaw il-garanzija huma ta’ l-istess portata u appuntu fl-Artikolu 1935 tal-Kap. 16, il-legislatur jipprovdi li l-garanti li jkun obbliga ruhu <u>in</u> <u>solidum</u> ma jistax jitlob il-beneficcju ta’ l-eskussjoni. Dan il-principju gie kkonfermat mill-Qrati taghna f’diversi decizjonijiet fosthom fid-decizjoni <u>Av. Dr Henry sive Eric Mamo noe vs Charles Psaila et</u> (Vol LXXIX.II.947 App. Kumm. 19/5/1995) fejn intqal li “l-effetti tal-garanzija solidali principalment jirrisolvu ruhhom proprju f’dan bil-konsegwenza illi l-kreditur huwa moghti d-dritt illi jagixxi direttament kontra l-garanti solidali minghajr il-htiega li qabel jagixxi kontra d-debitur principali jew li jirrikorri ghall-esekussjoni jew ghad-divizjoni tal-beni qabel ma jkun jista’ jagixxi kontra l-garanti solidali.” Ghalhekk id-decizjoni biex jipprocedi u kontra min, hija mhollija fid-diskrezzjoni assoluta tal-kreditur.

10. Jigi rilevat li l-Bank qabel ma ghamel il-“*call in*” (ittra a fol. 33) fejn talab l-ammont kollu minghand Noel Mallia, bhala wiehed mill-garanti solidali, kien irrikorra ghand id-debitur nonostante li ma kienx legalment obbligat jaghmel dan. Dan jirrizulta mix-xhieda ta’ Anthony Azzopardi, General Manager ta’ l-HSBC plc, li fis-seduta tat-18/4/1997 spjega li f’Lulju ta’ l-1995 sar jaf li l-kumpanija ma kienetx ghada topera, u li kien gie nominat likwidatur “ktibna lill-istess likwidatur u ressaqna l-claim taghna izda dan infurmana illi ma kienx hemm min fejn nithallsu u ghalhekk ahna konna kostretti nhalsu.” Sussegwentement jispjega li kellu jaqa’ fuq il-garanti kif jidher mid-Dok F datat 21 ta’ Lulju 1995 (a fol. 33). Jirrizulta wkoll li l-istess Noel Mallia hallas l-ammont dovut kollu u dan kif jidher mill-ittra tal-Bank datata 7 ta’ Awissu 1995 (Dok NM9 a fol. 64-65). Issa l-Artikolu 1949 tal-Kap. 16 ikopri proprju operat simili in kwantu jiddisponi li
“(1) Meta zewg persuni jew izjed ikunu dahlu garanti ta’ l-istess debitur u ghall-istess dejn, il-garanti li jhallas id-dejn

ghandu jedd idur kontra dawk l-ohra li jkunu garanti mieghu, kull wiehed minnhom ghas-sehem tieghu.

(2) Il-garanti ghandu dan il-jedd ta’ rigress fil-kaz biss li jkun hallas f’wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar Artikolu qabel dan.”

11. Ghalhekk isegwi li l-appellat kellu dritt idur kontra l-garanti l-iehor peress illi l-kumpanija debitrici kienet qed tigi likwidata u ghalhekk taqa’ taht il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 1948, u hu proprju dan li Noel Mallia jirrizulta li ghamel.

Jinghad ukoll li l-appellant iffirma l-istess garanzija u qatt ma cahad illi l-firma li kien hemm fuqha kienet tieghu. Qatt ma ghamel xi proceduri biex jattakka l-istess dokument ghax forsi gie mgieghel. Fil-kontro-ezami tieghu (a fol. 118 et seq) spjega li l-facilita` kienet giet moghtija lill-kumpanija u li huwa kien jaf x’qed jiffirma. Izda sostna li kien ffirmaha ghax Noel Mallia qallu li kien hemm bzonn isir hekk u hu kellu fiducja ghamja fih. Tenna kemm-il darba li l-ftehim kien li hu qatt ma kellu johrog finanzjamenti. Dan il-ftehim pero` ma jistax jiskuza lill-appellant ghax hu kien jaf x’kien ikkuntrattha ma’ haddiehor. Inoltre fix-xhieda ta’ Anthony Azzopardi tas-17 ta’ Settembru 1999 dan qal li hu kien spjega l-*onerous clauses* lill-partijiet li kienu qed jiffirmaw id-dokument. Dan ifisser li kulhadd kien konsapevoli ta’ l-oneri li kienu qeghdin jigu assunti.

L-azzjoni in ezami, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, hija bazata fuq il-garanzija u l-obbligazzjonijiet naxxenti minnha. A bazi taghha il-garanti li jhallas ghandu dejjem id-dritt li jdur fuq l-iehor ghall-hlas ta sehemu u dan indipendentement mill-assi li jista’ jkun ghad fadal fil-pussess tal-likwidatur.

Ghalhekk l-aggravji ta’ l-appellanti ghandhom jigu michuda billi jirrizultaw infondati.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------